Nru. 17,985
Prezz Lm1.12c
Price Lm1.12c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 20 ta' Ottubru, 2006
Friday, 20th October, 2006

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 882

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZI TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozzi ta' Liġi li ġejjin huma ppubblikati fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru. 79 imsejjaħ "Att ta' l-2006 li jemenda l-Kodiċi Ċivili";

Abbozz ta' Liġi Nru. 80 imsejjaħ "Att ta' l-2006 dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji; u

Abbozz ta' Liġi Nru. 81 imsejjaħ "Att ta' l-2007 li Jimplimenta Miżuri ta' l-Estimi".

L-20 ta' Ottubru, 2006

Nru. 883

KUMMISSJONI NAZZJONALI GĦAL EDUKAZZJONI OGĦLA

NGĦARRFU b'din illi, bis-saħħa ta' l-artikoli 69, Taqsima VI, ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Prim Ministru approva l-ħatra tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Edukazzjoni Ogħla għal perjodu ta' tliet snin mis-17 ta' Ottubru, 2006 sas-16 ta' Ottubru 2007, kif muri hawn taħt:-

President
Is-Sur Joseph F. X. Zahra, B.A.(Hons) (Econ), M.A. (Econ)

Viċi President
Is-Sur Alex Manché, M.Phil.(Lond), F.R.C.S. (CTh), S.E.T.C.S

Membri
Dott. Stephen Attard, Dip. Eur. Law (Bruges), LL.D.
Prof. Josef Bonnici, B.A.(Hons.), M.A., Ph.D.

GOVERNMENT NOTICES

No. 882

PUBLICATION OF BILLS IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bills are published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 79 entitled the "Civil Code (Amendment) Act, 2006";

Bill No. 80 entitled the "Voluntary Organisations Act, 2006"; and

Bill No. 81 entitled the "Budget Measures Implementation Act, 2007".

20th October, 2006

Nu. 883

NATIONAL COMMISSION FOR HIGHER EDUCATION

IT is hereby notified that, in terms of section VI(63) of the Education Act (Cap. 327), the Prime Minister has approved the appointment of the Board of the National Commission for Higher Education for the period from 17th October 2006 to the 16th October 2007, as shown hereunder:-

President
Mr Joseph F. X. Zahra, B.A.(Hons) (Econ), M.A. (Econ)

Vice President
Mr Alex Manché, M.Phil.(Lond), F.R.C.S. (CTh), S.E.T.C.S

Members
Dr. Stephen Attard, Dip. Eur. Law (Bruges), LL.D.
Prof. Josef Bonnici, B.A.(Hons.), M.A., Ph.D.

Dott. Jennifer Cassingena Harper, B.A. (Hons), M.Sc. (Lond.), Ph.D.

Dott. Alex Mifsud, Ph.D. (Edin), B.Elec.Eng. (Hons)

Prof. John Portelli, B.A. (Gen), M.A., Ph.D.

Ms. Micheline Sciberras, Dip. Youth Stud., B.Ed.(Hons.), M.A. (Durham)

L-20 ta' Ottubru, 2006

Dr. Jennifer Cassingena Harper, B.A. (Hons), M.Sc. (Lond.), Ph.D.

Dr. Alex Mifsud, Ph.D. (Edin), B.Elec.Eng. (Hons)

Prof. John Portelli, B.A. (Gen), M.A., Ph.D.

Ms. Micheline Sciberras, Dip. Youth Stud., B.Ed.(Hons.), M.A. (Durham)

20th October, 2006

Nru. 884

ATT DWAR L-IPPJANAR TA' L-IŻVILUPP (KAP. 356)

Delega mill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar

L-AWTORITÀ ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tgħarraf illi skond in-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 529 ta' l-1997 iddelegat il-funzjonijiet tagħha kif murija fl-artikolu 4 ta' l-istess Notifikazzjoni tal-Gvern lil dawn l-uffiċjali:

Is-Sur Jesmond Muscat (b'seħħ mill-24 ta' Awissu, 2006)

Is-Sur Martin Saliba BA(Hons), MA (Town & Country Planning UK) (b'seħħ mill-11 ta' Frar, 2004)

L-20 ta' Ottubru, 2006

No. 884

DEVELOPMENT PLANNING ACT (CAP. 356)

Delegation by the Malta Environment and Planning Authority

The Malta Environment and Planning Authority notifies that in terms of Government Notice No. 529 of 1997, it has delegated its functions as listed in Section 4 of the same Government Notice to the following officers:

Mr Jesmond Muscat (with effect from 24th August, 2006)

Mr Martin Saliba BA(Hons), MA (Town & Country Planning UK) (with effect from 11th February, 2004)

20th October, 2006

Nru. 885

L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Avviż ta' Applikazzjonijiet li għandhom bżonn avviż ta' stima ta' l-impatt ambjentali skond l-artikolu 7(4) tar-Regolamenti dwar l-Istima ta' l-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali Nru. 204/2001)

L-APPLIKAZZJONIJIET hawn taħt imsemmija jeħtieġu Stima ta' l-Impatt Ambjentali. L-applikazzjonijiet huma miġbura skond il-lokalità u jinkludu n-numru ta' l-applikazzjoni, it-titlu ta' l-iżvilupp u l-isem ta' l-applikant. Il-pubbliku jista' jara l-applikazzjonijiet hawn taħt imsemmija fl-uffiċċji ta' l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, il-Furjana, waqt il-ħinijiet tal-ftuħ.

No. 885

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Applications that require an environmental impact assessment notice in accordance with section 7(4) of the Environmental Impact Assessment (2001) Regulations (Legal Notice 204/2001)

THE following development permit applications are subject to an Environmental Impact Assessment. The applications are set out by locality and includes the MEPA number, title of the development and the name of the applicant. Copies of these applications can be seen at the offices of the Malta Environment and Planning Authority in Floriana, during office hours.

Il-pubbliku hu mistieden jibgħat kummenti bil-miktub lill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, St. Francis Ravelin, il-Furjana, dwar materji li jkun jixtieq li jiġu inklużi fl-Istima ta' l-Impatt Ambjentali. Is-sottomissjonijiet għandu jkollhom id-dettalji ta' l-applikazzjoni kif jidhru hawn taħt. Il-kummenti għandhom jaslu għand l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar sa tliet ġimgħat mid-data dan l-avviż. Aktar informazzjoni tistab fuq il-*website* ta' l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar: www.mepa.org.mt/EIA-Malta

The public is advised to submit in writing to the Malta Environment and Planning Authority, St. Francis Ravelin, Floriana, any issues it wishes to see included in the Environmental Impact Assessment. Submissions should contain details of the application as given below. All submissions are to reach the Malta Environment and Planning Authority within 3 weeks from this notice. More information can be obtained from the Malta Environment and Planning Authority website: www.mepa.org.mt/EIA-Malta

Sit f'Ta' Masrija, il-Mellieħa	PA1302/06	Bini ta' *maisonettes,* appartamenti, *penthouses* u garaxxijiet.
	PA1927/06	Bini ta' erba' blokki ta' appartamenti li se jinkludu total ta' 48 *unit* residenzjali, 48 garaxx u żona pubblika.
	PA2761/06	Żvilupp komprensiv ta' Żona B, kif imfassal fil-'Planning Policy Ta' Masrija '. Dan jinkludi madwar 300 *unit* bil-parkeġġ, *tunnel,* żona pubblika, *promenade* u ċentru għar-residenti.
		Is-Sur Joe Vella Is Sur Paul Vella Is-Sur Michael Bharwani
Site at Ta' Masrija, Mellieħa	*PA1302/06*	*The outline development for the construction of maisonettes, apartments, penthouses and underlying garages.*
	PA1927/06	*The construction of four apartment blocks to include in total 48 residential units and 48 basement garages and a public area.*
	PA2761/06	*The comprehensive development of site B as per approved 'Ta' Masrija Planning Policy'. This includes approximately 300 units with underground parking and tunnel, open spaces, public promenade and neighbourhood centre.*
		Mr Joe Vella *Mr Paul Vella* *Mr Michael Bharwani*

Nru. 886

AVVIŻ GĦALL-GĦANIJIET TA' L-ATT TA' L-1996 DWAR GWARDJANI PRIVATI U LOKALI (ATT NRU. XIII TA' L-1996)

IL-KUMMISSARJU tal-Pulizija, skond l-artikoli 7 u 8 ta' l-Att ta' l-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, b'din jgħarraf li rċieva dawn l-applikazzjonijiet kif imsemmija hawn taħt:

No. 886

NOTICE IN TERMS OF THE PRIVATE GUARDS AND LOCAL WARDENS ACT, 1996 (ACT NO. XIII OF 1996)

THE Commissioner of Police, in terms of sections 7 and 8 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, hereby notifies that the following applications as mentioned hereunder have been received:

Applikazzjoni għal-liċenza bħala Gwardjani Privati
Application for licence of a Private Guard

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta ta' l-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Agostino Xuereb	196650 (M)	10A, Il-Katakombi, Rabat
Jesmond Debono	148877 (M)	25, "Mistica", Vjal Kottoner, Fgura

Kull persuna tista', fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, toġġezzjona bil-miktub lill-Kummissarju dwar il-ħruġ ta' dawn il-liċenzi għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 10 ta' l-Att ta' l-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, li huma:

(a) meta l-applikant jew xi uffiċjali ta' l-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu pprovduti mill-applikant.

(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà ta' l-istat, jew ta' xi offiża volontarja fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra proprjetà jew kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor; jew

(ii) tkun iddikjarata falluta jew meta l-qagħda finanzjarja tagħha tkun prekarja jew xort' oħra tagħmel lill-applikant mhux adattat; jew

(iii) tkun tkeċċiet mill-pulizija jew mill-forzi armati jew mis-servizz tal-ħabs minħabba xi reat jew xi nuqqas ieħor fl-imġiba; jew

(iv) tkun uffiċjal pubbliku jew membru tal-Pulizija jew tal-forzi armati jew tas-servizz tal-ħabs; jew

(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(ċ) meta l-applikant ma jkollux il-kwalifiki meħtieġa kif jista' jkun preskritt bl-Att jew taħtu.

L-20 ta' Ottubru, 2006

Any person may, within one month from the publication of this notice, object in writing to the Commissioner about the issue of the above licences on any of the grounds listed in section 10 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, which are:

(a) where the applicant or any officer of the applicant or any person who has an effective control of the services to be provided by the applicant.

(i) has been convicted in Malta or elsewhere of any crime against the safety of the state, or of any crime of voluntary harm or injury to any person or any crime against property or public trust or any other serious crime; or

(ii) has been declared bankrupt or his financial position is precarious or otherwise renders the applicant unsuitable; or

(iii) has been discharged from the police or armed forces or the prison services because of any offence or other misbehaviour; or

(iv) is a public officer or a member of the police or armed forces or the prison services; or

(b) when information is available which is in the public interest; or

(c) where the applicant does not possess the necessary qualifications as may be prescribed by or under the Act.

20th October, 2006

Nru. 887

ORDINANZA DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-dati li jidhru hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-imsemmija Ordinanza kif ġej:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
13. 10. 06	Lm6.39c3	13c6
16. 10. 06	Lm6.57c5	14c0
17. 10. 06	Lm6.60c7	14c1
18. 10. 06	Lm6.54c3	14c0
19. 10. 06	Lm6.54c6	14c1

L-20 ta' Ottubru, 2006

No. 887

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ORDINANCE

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the dates shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of section 12 of the said Ordinance as follows:–

20th October, 2006

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 54 ta' l-2006

Taħriġ ta' Sparar mir-Ranges ta' Pembroke

B'riferenza għall-Avviż lill-Baħħara Nru. 51 ta' l-2006 ta' l-Awtorità Marittima ta' Malta dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq l-awtorità tgħarraf lill-baħħara li t-taħriġ imsemmi hawn fuq għandu jsir nhar it-Tnejn, it-30 ta' Ottubru 2006 u t-Tnejn, il-31 ta' Ottubru, 2006.

L-20 ta' Ottubru, 2006

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 54 of 2006

Shoot Exercise from Pembroke Ranges

With reference to Notice to Mariners No. 51 of 2006 of the Malta Maritime Authority regarding the subject in caption, the Authority notifies that mariners are to note that the above-mentioned exercise has been rescheduled to take place on Monday, 30th October 2006 and Tuesday, 31st October 2006.

20th October, 2006

UNIVERSITÀ TA' MALTA

Post ta' *Neuropathologist*
(Fakultà tal-Mediċina u Kirurġija)

Jinħtieġu kandidati li huma motivati ħafna u li għandhom Dottorat fil-*neuroscience* b'ħiliet rikonoxxuti fir-riċerka bażika tan-*neuroscience*. Il-post jirikjedi li jkun hemm enfasi fl-istudju tal-*pathophysiology of experimental animal model of neurodegenerative disease*, tagħlim u *track record* eċċ ellenti tal-passat.

2. Il-kandidat magħżul għal dan il-post hu mistenni li jibni

UNIVERSITY OF MALTA

Post of Neuropathologist
(Faculty of Medicine and Surgery)

A position is available for highly motivated candidates in possession of a Doctorate in neuroscience with recognized achievements in basic neuroscience research. The post calls for emphasis on the study of the pathophysiology of experimental animal models of neurodegenerative disease, teaching and a proven track record of excellence.

2. The individual selected for this position is expected to

grupp ta' riċerka dinamiku u produttiv, jipparteċipa b'mod attiv fil-programmi ta' tagħlim u jimplimenta proċeduri regolati fejn għandha x'taqsam l-esperimentazzjoni ta' l-animali fil-laboratroju fil-Fakultà tal-Mediċina u Kirurġija.

3. Il-ħatra tista' ssir fil-grad ta' Professur Assoċjat, Lettur Anzjan jew Lettur, jekk il-kandidati jissodisfaw ir-rekwiżiti statutorji ghal hatra f'dawn il-gradi.

Is-salarji marbuta mal-gradi rispettivi huma:

Professur Assoċjat - Lm11,292
Lettur Anzjan - Lm10,282
Lettur - Lm8,653 li jiżdied b'Lm200 fis-sena għal Lm9,253.

4. Il-kandidati għandhom jibagħtu ittra ta' l-applikazzjoni, sitt kopji tal-*curriculum vitae*, kopja waħda taċ-ċertifikati tagħhom, dokument li juri fil-qosor il-pjani biex jagħmel riċerka issa u fil-futur u tliet ismijiet u indirizzi ta' *referees* lill-

Uffiċċju tar-Riżorsi Umani
Kamra 216, Uffiċċji Amministrattivi
l-Università ta' Malta
L-Imsida MSD 06

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu sa nofsinhar tat-Tnejn, it-30 ta' Ottubru 2006.

Applikazzjonijiet li jaslu wara din id-data ma jiġux ikkunsidrati.

5. Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Uffiċċju tar-Riżorzi Umani, Kamra 216, Uffiċċji Amministrattivi u mill-*website*: http://home.um.edu.mt/hr/index2.html

L-20 ta' Ottubru, 2006

build a dynamic and productive research group, actively participate in teaching programs and implement regulated procedures with respect to laboratory animal experimentation within the Faculty of Medicine and Surgery.

3. An appointment may be made at one of the grades of Associate Professor, Senior Lecturer or Lecturer, if there are candidates who satisfy the statutory requirements for appointment at these grades.

The salaries attached to the respective grades are:

Associate Professor - Lm11,292
Senior Lecturer - Lm10,282
Lecturer - Lm8,653 rising by annual increments of Lm200 to Lm9,253

4. Candidates should submit their letter of application, six copies of their curriculum vitae, one set of copies of their certificates, a document outlining current and future research plans and names and addresses of three referees to:

Office of Human Resources
Room 216, Administrative Building
University of Malta
Msida MSD 06

Applications should be received by noon of Monday, 30th October 2006.

Late applications will not be considered.

5. Further information may be obtained from the Office of Human Resources, Room 216, Administration Building or from the website: http://home.emu.edu.mt/hr/index2.html.

20th October, 2006

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Post ta' Direttur, Uffiċċju Internazzjonali

Il-kandidat irid ikun meħtieġ li jidderieġi t-tmexxija ta' l-Uffiċċju Internazzjonali ta' l-Università minn ġurnata għal oħra u operazzjonijiet relatati.

2. Il-kandidat irid ikun gradwat, fluwenti f'lingwa oħra barra l-Ingliż u l-Malti, u jrid ikollu kapaċitajiet tajba fil-*management* u *approach* intraprendenti biex jikrea koperazzjoni akkademika iktar b'saħħitha. Għaldaqstant, il-kandidat irid ikollu esperjenza fil-qasam ta' koperazzjoni internazzjonali u swieq internazzjonali.

UNIVERSITY OF MALTA

Post of Director, International Office

The appointee will be required to direct the day to day running of the University's International Office and related operations.

2. The appointee should be a graduate, fluent in other languages besides English and Maltese, and should have sound management skills and an enterprising approach to creating stronger academic cooperation. Moreover, the appointee should have experience in working in the field of international co-operation and international marketing.

3. Is-salarju marbut ma' dan il-post huwa ta' Lm12,296 fis-sena.

4. Il-kandidati għandhom jibagħtu ittra ta' l-applikazzjoni, sitt kopji tal-*curriculum vitae,* kopja waħda taċ-ċertifikati u tliet ismijiet u indirizzi ta' *referees* lir-Rettur, l-Università ta' Malta, l-Imsida MSD 06, sa nofsinhar ta' nhar it-Tnejn, it-30 ta' Ottubru, 2006. Applikazzjonijiet li jaslu wara din id-data ma jiġux ikkunsidrati.

5. Aktar tagħrif tista' tinkiseb jew mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, Kamra 216, Uffiċċji Amministrattivi jew mill-website: http://home.um.edu.mt/hr/index2.html

L-20 ta' Ottubru, 2006

3. The salary attached to this full-time position is Lm12,296 per annum.

4. Candidates should submit their letter of application, six copies of their curriculum vitae, one set of copies of their certificates and names and addresses of three referees to the Rector, University of Malta, Msida MSD 06 by noon of Monday, 30th October 2006. Late applications will not be considered.

5. Further information may be obtained from the Office of Human Resources, Room 216, Administration Building or from the website: http://home.um.edu.mt/hr/index2.html.

20th October, 2006

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Post ta' *Estates and Works Manager (Designate)*

Il-maħtur irid ikun responsabbli għar-Rettur għall-immaniġġjar ta' l-art u l-bini li jappartjenu lill-Università, għall-immaniġġjar totali tal-proġetti fil-kostruzzjoni fil-proprjetà ta' l-Università, u jaqdi dmirijiet oħra kif ikun meħtieġ mill-Università.

2. Il-maħtur irid ikun *manager* tajjeb u jrid ikollu kwalifiki terzjarji u esperjenza fix-xogħol ta' l-immaniġġjar tal-proġetti u proprjetà, kostruzzjoni u manutenzjoni fil-bini, kif ukoll għarfien tajjeb fit-teknika tal-materjal u tagħmir.

3. Is-salarju marbut ma' dan il-post huwa ta' Lm12,296 fis-sena.

4. Il-kandidati għandhom jibagħtu ittra ta' l-applikazzjoni, sitt kopji tal-*curriculum vitae,* kopja waħda taċ-ċertifikati u tliet ismijiet u indirizzi ta' *referees* lir-Rettur, l-Università ta' Malta, l-Imsida MSD 06, sa nofsinhar ta' nhar it-Tnejn, it-30 ta' Ottubru, 2006. Applikazzjonijiet li jaslu wara din id-data ma jiġux ikkunsidrati.

5. Aktar tagħrif tista' tinkiseb jew mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, Kamra 216, Uffiċċji Amministrattivi jew mill-website: http://home.um.edu.mt/hr/index2.html

L-20 ta' Ottubru, 2006

UNIVERSITY OF MALTA

Post of Estates and Works Manager (Designate)

The appointee will be responsible to the Rector for the management of all land and buildings appertaining to the University, for the overall management of construction projects on University property, and to carry out any other related duties as may be required by the University.

2. The applicant should be a manager of standing who possesses tertiary qualifications and work experience in project and property management, construction and maintenance of buildings, as well as a good technical knowledge of materials and furnishings.

3. The salary attached to the post is Lm12,296.

4. Candidates should submit their letter of application, six copies of their curriculum vitae, one set of copies of their certificates and names and addresses of three referees to the Rector, University of Malta, Msida MSD 06 by noon of Monday, 30th October, 2006. Late applications will not be considered.

5. Further information may be obtained from the Office of Human Resources, Room 216, Administration Building or from the website: http://home.um.edu.mt/hr/index2.html.

20th October, 2006

IL-KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanzi – *Lecturing Staff*

Malti

Il-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija jinħtieġ jingaġġa Assistent Lettur/Lettur fil-Malti. L-applikanti għandu jkollhom grad ta' B.Ed. (Hons.) fil-Malti jew grad primarju fil-Malti u, preferibbilment PGCE. Il-kandidat magħżul, li jkun mistenni li jgħallem fil-livelli kollha f'kull kors offrut fil-Kulleġġ, jista' jiġi offrut kuntratt pro rata.

Permess ta' l-ETC Nru. 169/2006

***Part-time Lecturing Staff* fiċ-Ċentru ta' l-MCAST ta' Għawdex**

L-MCAST tilqa' applikazzjonijiet minn individwi li huma kwalifikati fil-Kura/Kura Soċjali, Komunikazzjoni jew Psikoloġija, u huma interessati li jgħallmu fil-kors ta' matul il-ġurnata li jwassal għad-Diploma Nazzjonali fil-Kura. L-applikanti għandu jkollhom grad primarju relatat ma' xi wieħed mis-suġġetti ta' hawn fuq. Esperjenza ta' xogħol fis-Settur tal-Kura, bħal xogħol ma' tfal żgħar fil-kura soċjali, persuni b'diżabilità u ma' l-anzjani, tkun ikkunsidrata bħala vantaġġ.

Permess ta' l-ETC Nru. 170/2006

Applikanti prospettivi huma meħtieġa li jibagħtu l-formola ta' l-Applikazzjoni ta' l-MCAST mimlija lill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, Kampus Prinċipali ta' l-MCAST, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid, mhux aktar tard minn nhar l-Erbgħa, il-25 ta' Ottubru, 2006, sa nofsinhar. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jinkisbu *online* u mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati. Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Kampus Prinċipali ta' l-MCAST, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid PLA 08, Tel: 23987100 Fax: 23987316, www.mcast.edu.mt

L-20 ta' Ottubru, 2006

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancies – Lecturing Staff

Maltese

The Malta College of Arts, Science and Technology is seeking to recruit an Assistant Lecturer/Lecturer in Maltese. Applicants should have a B.Ed. (Hons.) degree in Maltese or a first degree in Maltese and, preferably, a PGCE. The selected candidate, who will be expected to teach at all levels in any of the courses offered throughout the College, may be offered a pro rata contract.

ETC Permit No. 169/2006

Part-time Lecturing Staff at the MCAST Gozo Centre

The MCAST invites applications from individuals who are qualified in Care/Social Care, Communications or Psychology, and are interested in teaching on the day course leading to the National Diploma in Care. Applicants should have a first degree related to any of the above subjects. Working experience in the Care Sector, such as working with young children in social care, persons with disabilities, and with the elderly, will be considered an asset.

ETC Permit No. 170/2006

Prospective candidates are required to submit the completed MCAST Application Form to the Human Resources Office, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola, by not later than Wednesday, 25th October 2006, at noon. Application forms are available online and from the Human Resources Office. Late applications will not be considered. Further information may be obtained from the MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 08, Tel: 23987100 Fax: 23987316, www.mcast.edu.mt

20th October, 2006

MINISTERU GĦAR-RIŻORSI U L-INFRASTRATTURA

Riżultat għall-Postijiet ta' *Heavy Plant Driver* fit-Taqsima tax-Xogħlijiet, Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura

Id-Direttur Ġenerali (Xogħlijiet), jgħarraf li r-riżultat għall-postijiet hawn fuq imsemmija, ġie ppubblikat u wieħed jista' jarah fuq in-*notice-boards* ta' Project House, Taqsima tax-Xogħlijiet, il-Furjana u l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

L-20 ta' Ottubru, 2006

MINISTRY FOR RESOURCES AND INFRASTRUCTURE

Result for the Posts of Heavy Plant Driver in the Works Division, Ministry for Resources and Infrastructure

The Director General (Works) notifies that the result for the above mentioned posts, has been published and can be seen on the notice-boards at Project House, Floriana, and the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

20th October, 2006

DIPARTIMENT GĦALL-PARKS, AFFORESTAZZJONI U RESTAWR TAL-KAMPANJA

Ħinijiet tal-Ftuħ tal-Ġnien ta' Ta' Qali

Ngħarrfu b'dan illi l-ħinijiet tal-ftuħ tal-Ġnien ta' Ta' Qali se jkunu kif ġej:

Ħinijiet tax-Xitwa
(L-1 ta' Ottubru - 31 ta' Marzu)
Mis-6.30 a.m. sas-7.30 p.m.

Ħinijiet tas-Sajf
(L-1 ta' April - 30 ta' Settembru)
Mis-6.30 a.m. sat-8.30 p.m.

L-20 ta' Ottubru, 2006

'PARC', AFFORESTATION AND RURAL CONSERVATION DEPARTMENT

Opening Hours of Ta' Qali Gardens

It is hereby notified that the opening hours of Ta' Qali Gardens will be as follows:

Winter Time
1st October - 31st March)
From 6.30 a.m. to 7.30 p.m.

Summer Time
(1st April - 30th September)
From 6.30 a.m. to 8.30 p.m.

20th October, 2006

AVVIŻ TAT-TEŻOR

Fidwa ta' Lm10,000,000 7% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2006

Skond u għall-finijiet ta' paragrafu 7 tad-Direttivi mill-Ministru tal-Finanzi għall-ħruġ ta' Lm10,000,000 bis-7% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2006 taħt l-Avviż Legali Nru. 147 tal-21 ta' Ottubru, 1994, l-*Accountant General* jgħarraf li l-i*Stock* imsemmi hawn fuq se jinfeda fid-19 ta' Novembru, 2006. L-imgħax dovut mill-20 ta' Mejju, 2006 sad-19 ta' Novembru, 2006 jitħallas fid-19 ta' Novembru, 2006.

L-20 ta' Ottubru, 2006

TREASURY NOTICE

Redemption of Lm10,000,000 7% Malta Government Stock 2006

Pursuant to and for the purposes of paragraph 7 of the Directives by the Minister of Finance for the issue of Lm10,000,000 7% Malta Government Stock 2006 under Legal Notice No.147 dated 21st October, 1994 the Accountant General confirms that the captioned Stock will be redeemed on the 19th November 2006. Interest due from the 20th May 2006 to the 19 November 2006, will be paid on the 19th November, 2006.

20th October, 2006

KUNSILL LOKALI MOSTA

Il-Kunsill Lokali Mosta jilqa' applikazzjonijiet biex jimpjega miegħu Uffiċjal Eżekuttiv (Skala 13). Dan għandu jkollu esperjenza fil-grad ta' skrivan ma' Kunsill Lokali u jkollu esperjenza fis-sistemi mħaddma mill-Kunsill, fosthom Sistema ta' Infurzar tal-Liġi, *Customer Care* mal-Kunsill Lokali u *Report Management* fuq Dawl fit-Toroq.

Dawk kollha interessati għandhom jibagħtu l-applikazzjoni tagħhom flimkien mas-C.V. bil-posta lis-Segretarju Eżekuttiv, Kunsill Lokali Mosta, Triq il-Kostituzzjoni, il-Mosta MST 03 sa mhux aktar tard minn nhar it-Tlieta, il-31 ta' Ottubru, 2006.

Permess ta' l-ETC Nru. 175/2006.

L-20 ta' Ottubru, 2006

MOSTA LOCAL COUNCIL

The Mosta Local Council receives applications to fill the post of Executive Officer (Scale 13). Applicants are to be experienced in the grade of clerk with a Local Council and also experienced in office systems operated by Local Councils mainly on Law Enforcement System, Local Council's Customer Care and Street Lighting Report Management.

All those interested in the above post are kindly invited to send their application together with the C.V. by post and addressed to the Executive Secretary, Mosta Local Council, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta MST 03 by not later than Tuesday, 31st 1October, 2006.

ETC Permit No. 175/2006.

20th October, 2006

KUNSILL LOKALI NAXXAR

Rotot ġodda tat-Trasport Pubbliku matul il-perjodu ta' l-għeluq ta' Triq il-Parroċċa

Il-Kunsill Lokali Naxxar jgħarraf li Triq il-Parroċċa se tkun magħluqa għat-traffiku kollu sat-Tnejn 30 ta' Ottubru 2006. Għaldaqstant it-trasport pubbliku se jkun qed jopera kif ġej:

Nru 54: Titlaq mill-venda tan-Naxxar għal Vjal il-Labour lejn il-Belt Valletta u viċi-versa. Is-servizz se jingħata kull 20 - 30 minuta.

Nru 55: Titlaq milnn Ħal Għargħur lejn il-Belt Valletta u lura bejn il-5.30 a.m. u t-8.00 a.m. Mit-8.00 a.m. sad-9.00 p.m., se jkun hemm trasport bla ħlas nubb Ħal Għargħur għall-*car wash* ta' Ħal Lija li tgħaddi mit-Triq ta' l-Għaqba u lura minn Ħal Lija lejn Ħal Għargħur mit-telgħa ta' l-Iklin. It-trasport ikun kull nofsiegħa.

Nru 56: Din ir-rotta se topera biss bejn in-Naxxar u l-Belt Valletta u viċi-versa. Għalhekk ir-rotta mhux se topera lejn u minn Ħal Għargħur. Mhux se jkun hemm tibdil fil-ħinijiet.

Nru 65: Dan is-servizz mhux se jgħaddi min-Naxxar (San Ġwann, Iklin, Lija *car wash*, Mosta, ir-Rabat u viċi-versa).

It-trasport ċirkulari tal-Kunsill se jiġi effettwat biss waqt ir-rotot ta' filgħaxija minħabba li t-trasport mhux se jopera minn u lejn iż-żona ta' San Pawl tat-Tarġa.

L-20 ta' Ottubru, 2006

NAXXAR LOCAL COUNCIL

New routes for Public Transport during the period of the closure of Triq il-Parroċċa

The Naxxar Local Council notifies that no traffic shall be allowed in Parish Street till Monday 30th October 2006. Therefore public transport shall operate as follows:

No 54: Departs the Naxxar Terminus towards Labour Avenue on to Valletta and vice-versa. The service will be given every 20 - 30 minutes.

No 55: Departs from Għargħur towards Valletta and vice -versa between 5.30 a.m. and 8.00 a.m. Between 8.00 a.m. and 9.00 p.m., there shall be a free transfer from Għargħur to Lija car wash via Triq ta' l-Għaqba and going back from Lija to Għargħur through Iklin. The frequency shall be every 30 minutes.

No 56: This route shall operate only between Naxxar and Valletta and vice-versa. Therefore it shall not operate to or from Għargħur. There shall be no changes in the time schedules.

This service shall not pass through Naxxar (San Ġwann, Iklin, Lija car wash, Mosta, Rabat and vice-versa).

The Council circular transport shall be effected only on its evening routes as transport cannot operate towards or from San Pawl tat-Tarġa area.

20th October, 2006

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti maghluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana:

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, l-24 ta' Ottubru, 2006, għal:

CT 337/2006. Provvista ta' *disposable protective gowns* - Diviżjoni tas-Saħħa.
Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fid-29 ta' Awissu 2006.

CT 338/2006. Provvista ta' *oxygen concentrators* - Diviżjoni tas-Saħħa.
Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fid-29 ta' Awissu 2006.

CT 356/2006. Provvista ta' *portable gantry crane* - Taqsima tax-Xogħlijiet. Irid jithallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that sealed tenders in respect of the following advertisements will be received on the days and dates indicated below. Tenders are to be dropped in the Tender Box of the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana:

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 24th October, 2006, for:

CT 337/2006. Supply of disposable protective gowns - Health Division.
The EU Contract Notice was dispatched on the 29th August 2006.

CT 338/2006. Supply of oxygen concentrators - Health Division.
The EU Contract Notice was dispatched on the 29th August 2006.

CT 356/2006. Supply and delivery of a portable gantry crane - Works Division. A fee of Lm20 will be charged for each copy of tender document.

CT 359/2006. Provvista ta' ċangaturi, kurduni u turġien tal-ġebel tal-qawwi għall-qalba tar-raħal tal-Qrendi - Taqsima tax-Xogħlijiet. Irid jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta. Il-pjanti relatati jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju taċ-*Chief Draughtsman*, Blokk A, Taqsima tax-Xogħlijiet, Floriana waqt il-ħinijiet ta' l-uffiċċju wara li jitħallas id-dritt neċessarju ta' Lm14.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, is-26 ta' Ottubru, 2006, għal:

CT 351/2006. Disinn, provvista, stallazzjoni u kummissjunar ta' *monitored 7.5kWp grid connected photo voltaic system* - Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar. Irid jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT 353/2006. Provvista u stallazzjoni ta' xogħlijiet ta' l-aluminju u ħġieġ strutturali fil-*west wing* tal-blokk ta' l-amministrazzjoni tal-MCAST Kampus ta' Kordin - Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija. Irid jitħallas dritt ta' Lm30 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, il-31 ta' Ottubru, 2006, għal:

CT 342/2006. Xogħlijiet mekkaniċi u ta' l-elettriku fiċ-Ċentru tal-Viżitaturi f'Ħaġar Qim u l-Imnajdra, limiti tal-Qrendi - Patrimonju Kulturali Malta. Irid jitħallas dritt ta' Lm50 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT 343/2006. Provvista ta' pilloli *mesalazine 400mg* – Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-4 ta' Settembru 2006.

CT 344/2006. Provvista ta' *anti-haemophilia Factor VIII inhibitor* – Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-4 ta' Settembru 2006.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-2 ta' Novembru, 2006, għal:

CT 358/2006. Provvista u stallazzjoni ta' sistemi mekkaniċi u ta' l-elettriku fl-iskola ġdida, Liċeo Giuseppe Despott, Bormla - Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Irid jitħallas dritt ta' Lm100 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, is-7 ta' Novembru, 2006, għal:

CT 352/2006. Provvista ta' *human biosynthetic insulin neutral solution, short acting cartridges* – Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-13 ta' Settembru 2006.

CT 359/2006. Supply and delivery of hard stone paving slabs, kerbs and steps to Qrendi Village Core - Works Division. A fee of Lm20 will be charged for each copy of tender document. The relative drawings can be collected from the Chief Draughtsman's Office, Block A Works Division, Floriana during office hours against the necessary payment of Lm14.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 26th October, 2006, for:

CT 351/2006. Design, supply, installation and commissioning of a monitored 7.5kWp grid connected photo voltaic system - Malta Environment and Planning Authority. A fee of Lm20 will be charged for each copy of tender document.

CT 353/2006. Supply and installation of aluminium works and structural glazing at the West Wing MCAST Administration Block, Corradino Campus, Paola - Malta College of Arts, Sciences and Technology. A fee of Lm30 will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 31st October, 2006, for:

CT 342/2006. Mechanical and electrical works for the Ħaġar Qim and Mnajdra Visitors Centre, limits of Qrendi - Cultural Heritage Malta. A fee of Lm50 will be charged for each copy of tender document.

CT 343/2006. Supply of mesalazine 400 mg tablets – Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on the 4th September 2006.

CT 344/2006. Supply of anti-haemophilia Factor VIII inhibitor – Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on the 4th September 2006.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 2nd November, 2006, for:

CT 358/2006. Supply and installation of mechanical and electrical systems at the new school, Giuseppe Despott Lyceum, Cospicua - Foundation for Tomorrow's Schools. A fee of Lm100 will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 7th November, 2006, for:

CT 352/2006. Supply of human biosynthetic insulin neutral solution, short acting cartridges – Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on the 13th September 2006.

CT 354/2006. Xogħlijiet ta' tlesstija fiċ-ċentru tal-viżitaturi fil-Heritage Park ta' Ħaġar Qim u l-Imnajdra, limiti tal-Qrendi - Patrimonju Kulturali Malta. Irid jitħallas dritt ta' Lm75 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Dan huwa *Works Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din hi offerta mħallsa parzjalment mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Strutturali Programm għal Malta 2004-2006 (*Budget* allokat: Lm250,000 mingħajr VAT).

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, id-9 ta' Novembru, 2006, għal:

CT 355/2006. Provvista ta' injezzjonijiet meropenam 500mg – Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fil-15 ta' Settembru 2006.

CT 360/2006. Xogħlijiet ta' brix, provvista u tqegħid ta' *cement stabilization layer* u xogħlijiet ta' tarmak fil-Qalba tar-Raħal tal-Qrendi - Taqsima tax-Xogħlijiet. Irid jitħallas dritt ta' Lm15 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT 361/2006. Korsijiet ta' taħriġ biex titjieb l-*employability* tal-*workforce* f'Għawdex - Ministeru għal Għawdex. Irid jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Dan huwa *Services Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din hi offerta mħallsa parzjalment mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Strutturali Programm għal Malta 2004-2006 (*Budget* allokat: Lm32,483 mingħajr VAT).

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, l-14 ta' Novembru, 2006, għal:

CT 357/2006. Provvista ta' kapsoli *phenytoin sodium 100mg* – Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fid-19 ta' Settembru 2006.

CT 362/2006. Bini ta' tliet (3) appartamenti u tlesstija ta' partijiet komuni fi *Plot* 8, Triq il-Fieres, Ħal Tarxien - Awtorità tad-Djar. Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinġabru mill-Awtorità tad-Djar, 12, Triq Pietro Floriani, Floriana, bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar wara li jitħallas dritt ta' Lm30 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, is-16 ta' Novembru, 2006, għal:

CT 367/2006. Xogħlijiet ta' dekorazzjoni fl-Iskola Sekondarja tas-Subien, Verdala, Bormla - Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Irid jitħallas dritt ta' Lm35 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT 368/2006. Bini ta' sala ta' l-iskola, *canteen,* librerija u faċilitajiet anċillari fil-Kulleġġ San Benedittu f'Ħal Kirkop - Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Irid jitħallas dritt ta'

CT 354/2006. Finishing works of a visitor centre at Ħaġar Qim and Mnajdra Heritage Park, limits of Qrendi - Cultural Heritage Malta. A fee of Lm75 will be charged for each copy of tender document.

This is a Works Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender is partially funded by the European Structural Funds Programme for Malta 2004-2006. (Allocated budget: Lm250,000 excluding VAT).

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 9th November, 2006, for:

CT 355/2006. Supply of meropenam 500mg injections – Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on the 15th September 2006.

CT 360/2006. Scarifying works, supply and laying of cement stabilization layer and tarmac works at Qrendi Village Core - Works Division. A fee of Lm15 will be charged for each copy of tender document.

CT 361/2006. Training courses to enhance the employability of the workforce in Gozo - Ministry for Gozo. A fee of Lm25 will be charged for each copy of tender document.

This is a Services Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender is partially funded by the European Structural Funds Programme for Malta 2004-2006. (Allocated Budget: Lm32,483 excluding VAT).

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 14th November, 2006, for:

CT 357/2006. Supply of phenytoin sodium 100mg capsules – Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on the 19th September 2006.

CT 362/2006. Construction of three (3) apartments and finishing of common parts on Plot 8, Triq il-Fieres, Tarxien - Housing Authority. Tender documents may be collected from the Housing Authority, 12, Triq Pietro Floriani, Floriana, between 8.30 a.m. and noon against a fee of Lm30 for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 16th November, 2006, for:

CT 367/2006. Decoration works at the Boys' Secondary School, Verdala, Cospicua - Foundation for Tomorrow's Schools. A fee of Lm35 will be charged for each copy of tender document.

CT 368/2006. Construction of a school hall, canteen, library and ancillary facilities at Saint Benedict's College, Kirkop - Foundation for Tomorrow's Schools. A fee of Lm100

Lm100 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, il-21 ta' Novembru, 2006, għal:

CT 371/2006. Xogħol ta' rinovar fil-fabbriki GGX002 u GGX005 fil-Qasam Industrijali tax-Xewkija, Għawdex - Malta Industrial Parks. Irid jitħallas dritt ta' Lm50 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT 372/2006. Provvista ta' *isoflurane inhalation* - Diviżjoni tas-Saħħa.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-23 ta' Novembru, 2006, għal:

CT 376/2006. Provvista ta' pilloli *pimozide 4mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 377/2006. Bini ta' skola ġdida sekondarja Taż-Żokrija, il-Mosta - Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Irid jitħallas dritt ta' Lm100 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT 378/2006. Provvista ta' pilloli *morphine sulphate 30mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 379/2006. Provvista ta' pilloli *ondansetron 4mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 380/2006. Provvista ta' pilloli *topiramate 50mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 373/2006. Provvista ta' pilloli *trifluoperazine 1mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 374/2006. Provvista ta' *monofilament polyamide* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 375/2006. Provvista ta' *caspofungin 50mg vials* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 381/2006. Provvista ta' injezzjonijiet *clindamycin phosphate 300mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 382/2006. Provvista ta' *sodium valpoate syrup* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 383/2006. Bini ta' appartamenti, garaxxijiet, ħanut f'kantuniera u tlestija ta' partijiet komuni fi *Plot* 10, Triq Dun Ġwann Mamo, Ħal Tarxien - l-Awtorità tad-Djar. Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinġabru mill-Awtorità tad-Djar, 12, Triq Pietro Floriani, Floriana, bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar wara li jitħallas dritt ta' Lm30 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT 384/2006. Xiri ta' vannijiet *double cab pickup* għad-

will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 21st November, 2006, for:

CT 371/2006. Refurbishing works to be carried out at factories GGX002 and GGX005, Xewkija Industrial Estate, Gozo - Malta Industrial Parks. A fee of Lm50 will be charged for each copy of tender document.

CT 372/2006. Supply of isoflurane inhalation - Health Division.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 23rd November, 2006, for:

CT 376/2006. Supply of pimozide 4mg tablets - Health Division.

CT 377/2006. Construction of a new secondary school at Taż-Żokrija, Mosta - Foundation for Tomorrow's Schools. A fee of Lm100 will be charged for each copy of tender document.

CT 378/2006. Supply of morphine sulphate 30mg tablets - Health Division.

CT 379/2006. Supply of ondansetron 4mg tablets - Health Division.

CT 380/2006. Supply of topiramate 50mg tablets - Health Division.

CT 373/2006. Supply of trifluoperazine 1mg tablets - Health Division.

CT 374/2006. Supply of monofilament polyamide - Health Division.

CT 375/2006. Supply of caspofungin 50mg vials - Health Division.

CT 381/2006. Supply of clindamycin phosphate 300mg injections - Health Division.

CT 382/2006. Supply of sodium valpoate syrup - Health Division.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull dokument ta' l-offerta.

Il-formoli ta' l-offerta jistgħu jinkisbu mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali Munxar matul il-ħinijiet ta' l-uffiċċju. L-offerti jinfetħu fil-pubbliku eżatt wara l-ħin ta' l-għeluq.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta anke l-aktar offerta vantaġġuża.

L-20 ta' Ottubru, 2006

MUNXAR LOCAL COUNCIL

The Munxar Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received in the tender box at the Munxar Local Council, Triq Profs. Ġużè Aquilina, Munxar VCT 114, up to noon of Wednesday, 22nd November 2006, for:-

Advt. No. PF/3/2006. Construction works - Munxar playing field - second phase.

A fee of Lm10 is to be paid for each copy of tender document.

Tender forms are obtained from the Munxar Local Council's office during office hours. Tenders will be opened in public exactly after closing time.

The Council reserves the right to refuse any offer, including the most advantageous.

20th October, 2006

KUNSILL LOKALI ŻABBAR

Il-Kunsill Lokali Żabbar jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar it-Tnejn, l-20 ta' Novembru, 2006, jintlaqgħu offerti magħluqin għas-servizzi li ġejjin:-

Avviż Nru. ZLC 2/2006. Tindif u manutenzjoni ta' latrini pubbliċi.

Dan il-kuntratt huwa għal perjodu ta' sena iżda l-Kunsill jista' jiddeċiedi li jġedded dan il-kuntratt għal sentejn addizzjonali taħt l-istess rati u kundizzjonijiet.

Avviż Nru. ZLC 3/2006. Kisi mill-ġdid ta' toroq f'Ħaż-Żabbar.

Dan il-kuntratt huwa għal perjodu ta' sitt xhur iżda l-Kunsill jista' jiddeċiedi li jġedded dan il-kuntratt għal sitt xhur addizzjonali taħt l-istess rati u kundizzjonijiet.

Id-dokumenti ta' l-offerti jistgħu jinkisbu bi ħlas ta' Lm20 għal kull dokument mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali. L-offerti jinfetħu fid-data u l-ħin ta' l-għeluq fil-preżenza tal-pubbliku.

Kull tagħrif ieħor jista' jinkiseb mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill matul il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar offerta vantaġġuża.

L-20 ta' Ottubru, 2006

ŻABBAR LOCAL COUNCIL

The Żabbar Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received up to noon of Monday, 20th November 2006, for the following services:-

Advt. No. ZLC 2/2006. Cleaning and maintenance of public conveniences.

This contract is for a period of one year but the Council has the discretion to renew this contract for an additional two years on the same rates and conditions of tender.

Advt. No. ZLC 3/2006. Resurfacing of roads in Żabbar.

This contract is for a period of six months but the Council has the discretion to renew this contract for an additional period of six months on the same rates and conditions of tender.

Tender documents may be obtained from the Council's office at a fee of Lm20 for each document. Tenders will be opened on the closing date and time in the presence of the public.

Any other information may be obtained from the Council's Executive Secretary during office hours.

The Council reserves the right to refuse any offer even the most advantageous.

20th October, 2006

KUNSILL LOKALI ĦAMRUN

Il-Kunsill Lokali Ħamrun jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar it-Tnejn, l-20 ta' Novembru, 2006, jintlaqgħu offerti magħluqin kompluti u mmarkati bin-numru ta' l-offerta fil-kaxxa ta' l-offerti fl-uffiċċju tal-Kunsill, għal:-

Avviż Nru. KLH/TDR/05/2006. Servizz ta' ġbir ta' skart goff.

Kopja tad-dokumenti ta' l-offerta jinġabru mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali Ħamrun, 683A, Triq il-Kbira San Ġużepp, il-Ħamrun, fil-ħinijiet ta' l-uffiċċju mal-ħlas ta' Lm15.

L-offerti mibgħuta jinfetħu immedjatament wara l-għeluq.

Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrifjuta kull offerta anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

L-20 ta' Ottubru, 2006

ĦAMRUN LOCAL COUNCIL

The Ħamrun Local Council notifies that:-

Completed and sealed documents marked with tender number are to be deposited in the tender box at the Council's office by not later than noon of Monday, 20th November 2006, for:-

Advt. No. KLH/TDR/05/2006. Services of collection of bulky refuse.

A copy of tender documents may be obtained from the Ħamrun Local Council's offices, 683A, Triq il-Kbira San Ġużepp, Ħamrun, during office hours against a fee of Lm15.

Tenders submitted will be opened immediately after closing time.

The Council reserves the right to refuse any tender submitted even the most advantageous.

20th October, 2006

KUNSILL LOKALI SANNAT

Il-Kunsill Lokali Sannat jgħarraf illi sa l-4.00 p.m. ta' nhar il-Ġimgħa l-10 ta' Novembru 2006, fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. 05/2006 Servizz ta' tindif u manutenzjoni tal-latrini pubbliċi.

Avviż Nru. 06/2006 Servizz ta' tindif u manutenzjoni tal-ġonna pubbliċi.

Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Kunsill mit-Tnejn sal-Ġimgħa waqt il-ħinijiet ta' l-uffiċċju għal ħlas ta' Lm5.00 għal kull dokument.

L-offerti jinfetħu fil-pubbliku eżattament fil-ħin u d-data ta' l-għeluq.

Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

L-20 ta' Ottubru, 2006

SANNAT LOCAL COUNCIL

The Sannat Local Council notifies that sealed tenders will be received in the Council's office up to 4.00 p.m. on Friday 10th November 2006, for:-

Advt. No. 05/2006 Service of cleaning and maintenance of public conveniences.

Advt. No. 06/2006 Service of cleaning and maintenance of parks and gardens.

Tender documents may be collected from the Council's office during office hours against a payment of Lm5.00 for each document.

Tenders eill be opened in public on the time and closing date.

The Council reserves the right to refuse all tenders. even the most advantageous.

20th October, 2006

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1564

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fl-10 ta' Ottubru 2006, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Numru 608/2005 RCP, fl-ismijiet Dr. Philip Manduca noe vs H.P. Cole Ltd, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà konvenuta, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Avv. Philip Manduca ID Card Nru. 339960(M) bħala mandatarju speċjali tas-soċjetà estera Fabbri 1905 SpA ippreżenta Ċitazzjoni fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fis-27 ta' Ġunju 2005, kontra H. P. Cole Limited (C 20) u talab lill-konvenut jgħid għaliex ma għandhiex din il-Qorti, għar-raġunijiet premessi;

1. Tiddeċiedi l-kawża skond it-talba bid-dispensa tat-trattazzjoni.

2. Tikkundanna lis-soċjetà' konvenuta sabiex thallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' l-ekwivalenti fl-Liri Maltin bir-rata tal-kambju fid-data tas-sentenza għal Euro 25,917.87 (illum ekwivalenti għal Lm11,126.89) liema ammont huwa dovut kif fuq spjegat.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat ta' Qbid ppreżentat kontestwalment kontra s-soċjetà konvenuta li hi minn issa nġunta għas-subizzjoni. Bl-imgħax legali mill-14 ta' April 2004.

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 10th October 2006, in the records of the Writ of Summons Number 608/2005 RCP, in the names Dr. Philip Manduca noe vs H.P. Cole Ltd, ordered the following publication for the purpose of service of the defendant company, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

Advocate Philip Manduca ID Card number 339960(M) as special mandatary of the foreign firm Fabbri 1905 SpA, filed, a Writ of Summons , in the First Hall Civil Court, on the 27th June 2005, against H.P. Cole Limited (C 20) and asked the defendant why this Court should not for the reasons premised;

1. Decide the cause according to the demand without proceeding to a hearing.

2. Condemn the defendant company to pay the plaintiff company the sum equivalent in Maltese Liri at the rate of exchange on the date of the judgement to Euro 25,917.87 (today equivalent to Lm11,126.89) which amount is due as above explained.

With costs including those of the Warrant of Seizure, filed togther against the defendant company from now summoned so that a reference to her evidence be made. With legal interest from the 14th April 2004.

Konvenut: 65/66, Marina Street, Pietà MSD 08

jew

A 59, Marsa Industrial Estate, Marsa.

Il-kawża Ċitazzjoni Numru 608/05 NC fl-ismijiet Manduca Av. Philip noe vs H. P. Cole Limited (C 20) li kienet Sine Die mill-Ħamis, 19 ta' Jannar 2006, reġgħet tqiegħdet għas-smigħ għat-Tlieta, 14 ta' Novembru 2006, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 16 ta' Ottubru 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur,Qrati Ċivili u Tribunali

Defendant: 65/66, Marina Street, Pietà MSD 08

or

A 59, Marsa Industrial Estate, Marsa.

The cause Writ of Summons Number 608/05 NC, in the names Manduca Adv. Philip noe vs H. P. Cole Limited (C 20) which was Sine Die from Thursday, 19th January 2006, was set down again for hearing to Tuesday, 14th November 2006, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 16th October 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1565

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fit-23 ta' Awissu 2006, il-Qorti Ċivili Prim'Awla, ordnat il-pubblikazzjoni tal-bandu li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' l-artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Bandu għall-Kuraturi.

Repubblika ta' Malta.

Lill-Marixxall tal-Qorti.

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-23 ta' Awissu 2006, fuq talba ta' Dr. Luigi A. Sansone LL.B. LL.D. noe, ġie ordnat biex jintgħażlu Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-STE Alkalloubi Frere S.R.L. fl-atti tar-Rikors 726/06 GC, fl-ismijiet Dr. Luigi A. Sansone noe vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-7 ta' Awissu 2006, fl-ismijiet Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LLD., detentur tal-Karta ta' l-identità numru 258269 Ittra 'M' bħala mandatarju speċjali tas-soċjetà estera Guccio Gucci S.p.A. ta' Via Tornabuoni 73/r, Firenze, l-Italja vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lil STE Alkalloubi Frere, persuna estera, b'indirizz mhux magħruf, ir-rikorrenti Avukat Dottor Luigi A. Sansone LLB (Hons), LLD, detentur tal-karta ta' l-identità numru 258269(M) ittra 'M' bħala mandatarju speċ-jali tas-soċjetà estera Guccio Gucci S. P.A. ta' Via Tornabuoni, 73/r, Firenze, l-Italja; espona bir-rispett u iddikjara bil-ġurament;

1. Illi s-soċjetà attriċi Guccio Gucci S. p.A. magħrufa sew madwar id-dinja inkluż Malta, inter alia in konnessjoni ma' ċinturini, (fosthom ċinturini tal-canvas) u kartieri, hija

It is hereby notified that by a decree of the 23rd August 2006, the Civil Court First Hall, ordered the publication of the bann which appears hereunder for the purpose of article 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

Bann for Curators.

Republic of Malta.

To the Marshal of the Court.

Whereas by a decree given by this Court on the 23rd August 2006, following a request of Dr. Luigi A. Sansone LL.B. LL.D. noe, it was ordered that Deputy Curators be chosen to represent STE Alkalloubi Frere S.R. L. in the records of the Application 726/06 GC, in the names Dr. Luigi A. Sansone noe Vs Deputy Curators and in the relative and subsequent acts.

By means of an Application filed in the First Hall Civil Court on the 7th August 2006, in the names Advocate Dr. Luigi A. Sansone LLB. (Hons), LL.D., holder of Identity Card number 258269 Letter 'M' as special mandatary of the foreign company Guccio Gucci S.p.A. of Via Tornabuoni 73/r, Firenze, Italy, vs Deputy Curators to represent STE Alkalloubi Frere, a foreign person, with an unknown address, the applicant Advocate Dr. Luigi A. Sansone LL.B. (Hons) LL.D., holder of identity card number 258269(M) letter 'M' as special mandatary of the foreign company GUCCIO GUCCI S.P.A. of Via Tornabuoni, 73/r Firenze, Taly, pleaded with respect and confirmed under oath;

1. That the plaintiff company Guccio Gucci S. p.A. well known around the world including Malta, inter alia in connection with belts, (amongst which canvas belts) and

proprjetarja ta' diversi trademarks li jkopru dan in-negozju tagħha u in konnessjoni ma' l-istess negozju;

2. Illi b'ħila u invenzjoni, kuf ukoll b'ħafna sagrifiċċju finanzjarju u promozzjoni reklamattiva da parti tagħha, is-soċjetà attriċi akkwistat reputazzjoni u avvjament enormi,… Omissis…

3. Illi fost oħrajn is-soċjetà attriċi għandha validament irreġistrati f'Malta b'effett mis-7 ta' Settembru 2001, it-trademarks bin-numri ta' reġistrazzjoni 34921 u 34922…Omissis…

4. Illi in oltre s-soċjetà attriċi għandha rreġistrati bħala Trademarks Komunitarji (CTM) bin-numri 000121988 u 004107546 rispettivament, il-marki 'GUCCI' (kelma) u 'GUCCI' tikketta,…Omissis…

5. Illi s-soċjetà attriċi hija 'detentriċi ta' dritt' għall-iskopijiet tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-liġi fosthom ta' l-Att Dwar Drittijiet Dwar Proprjetà Intellettwali…Omissis…

6. Illi reċentement waqt l-iskrutinji taħt xi waħda mill-proċeduri doganali msemmija fl-4 ta' l-istess Kap. 414 u fl-Artikolu 1 (1) tal-Council Regulation (EC) No. 1383/2003 hawn qabel imsemmija, il-Kontrollur tad-Dwana kien issospenda r-rilaxx tal-container GESU 5157126…Omissis…

7. Illi s-soċjetà attriċi ġiet mgħarrfa bis-sejbiet fl-10 u fl-14 ta' Lulju 2006, u wara li eżaminat ritratti elettroniċi ta' kampjuni ta' dawn l-oġġetti kkonfermat lill-istess Kontrollur tad-Dwana li fil-fatt dawn huma oġġetti kontrafatti li jikkontravvjenu d-drittijiet tagħha dwar proprjetà intellettwali;

8. Illi effettivament allura, l-oġġetti ilkoll mertu ta' din il-vertenza, li l-Kontrollur tad-Dwana indika lis-soċjetà attriċi bħala tlett elef u mitt ċinturin tal-canvas (3100) u elfejn u disgħa u tmenin (2089) kartieri b' kollox oltre għall-materjal ta' ippakkettjar relattiv għall-istess ċinturini tal-canvas u kartieri, jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjetà intellettwali tas-soċjetà attriċi.

9. Illi wara li s-soċjetà attriċi ngħata d-dettalji tal-konvenuta mill-Kontrolur tad-Dwana, ġie lill-istess soċjetà attriċi prefiss terminus sas-7 ta' Awissu 2006, minn hawn qabel imsemmi Kontrollur tad-Dwana sabiex tingħatalu l-prova li nbdew l-opportuni proċedimenti ġudizzjarji ċivili fil-konfront tal-konvenuta li jwasslu għal deċiżjoni sostantiva dwar il-merti tal-każ;

10. Illi l-esponent nomine jaf personalment bil-fatti kollha dikjarati;

11. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża;

wallets, is the owner of various trademarks which cover this business and in connection with the same business;

2. That by means of skill and invention, and a lot of financial sacrifice and promotional activity on her part the plaintiff Company acquired an enormous reputation and goodwill …Omissis…

3. That amongst others the plaintiff company has validly registered in Malta with effect from the 7th September 2001, the trademarks with the registration numbers 34921 and 34922…Omissis…

4. That furthermore the plaintiff company has registered as Community Trademarks (CTM) with numbers 000121988 and 004107546 respectively, the marks 'GUCCI' (Word) and 'GUCCI' LABEL,…Omissis…

5. That the plaintiff company is 'the holder of a right' for the relevant provisions of law amongst which the Act regarding Intellectual Property Rights…Omissis…

6. That recently during the scrutiny of one of the customs procedures mentioned in article 4 of the same Chapter 414 and in Article 1(1) of Council Regulation (EC) No. 1383/2003 herein before mentioned, the Comptroller of Customs had suspended the release of the container GESU 5157126…Omissis…

7. That the plaintiff company was informed with the findings of the 10 and 14th July 2006, and after examining the electronic photos of samples of these objects confirmed to the same Comptroller of Customs that in fact these objects are counterfeit and contravene her intellectual property rights;

8. That effectively thus, all the objects merit of this dispute the Comptroller of Customs indicated to the plaintiff company as three thousand and one hundred canvas belts (3100) and two thousand and eighty nine wallets (2089) all with the relative packing material for the same canvas belts and wallets, contravene the rights of intellectual property of the plaintiff company.

9. That after the plaintiff company was given details of the defendant by the Comptroller of Customs, a term was fixed to the same plaintiff company till the 7th August 2006, by the afore said Comptroller of Customs in order that it be proved to him that the opportune civil judicial proceedings were initiated against the defendant which bring about a substantive decision on the merits of the case.

10. That the applicant nomine personally knows about all the facts declared;

11. That thus this cause had to be made.

Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn qabel premessi, l-attur nomine umilment jitlob li dina l-Onorabbli Qorti:

(1) tiddikjara liċ-ċinturini tal-kanvas u l-kartieri oltre għall-materjal ta' ippakkettjar relattiv għall-istess ċinturini tal-canvas u kartieri, oġġetti ilkoll jikkontjenu sinjali konsistenti fil-kelma'GUCCI' miktubin b'mod prominenti u jinsabu preżentement taħt l-awtorità tal-Kontrollur tad-Dwana…Omissis…

(2) Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oġġetti l-hinn mill-kanali tal-Kummerċ b'dak il-mod li jipprekludu xi ħsara lis-soċjetà attriċi jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruġġi dawk l-oġġetti f'kull każ mingħajr ebda kumpens lill u għas-spejjeż tal-konvenuta;

(3) Tieħu jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jieħu dwar dawk l-oġġetti kull miżura ohra li jkollha l-effett li effettivament iċċaħħad lill-konvenuta mill-benefiċċji ekonomiċi tat-transazzjoni;

(4) Tordna li l-konvenuta għandha tbati l-ispejjeż kollha konnessi mal-miżuri ordnati ai termini tat-tieni u tat-tielet talbiet attriċi inklużi dawk tat-transport ta' l-imsemmija oġġetti għall-ħażna qabel id-distruzzjoni eventwali tagħhom, tal-ħażna stess, tat-trasport mill-lok tal-ħażna sal lok ta' l-eventwali distruzzjoni, u tad-distruzzjoni stess.

Bl-ispejjeż, kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa inġunta għas-subizzjoni tagħha.

Lista tax-xhieda.

Elenku tad-Dokumenti.

Notifiki:

Attur nomine: Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B (Hons) LL.D. detentur tal-karta ta' l-identità numru 258269 ittra 'M' bħala mandatarju speċjali tas-soċjetà estera Guccio Gucci S. p.a. ta' Via Tornabuoni 73/r, Firenze,l-Italja.

84, Triq Melita, Valletta VLT 12.

Konvenuta:

Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lil STE Alkalloubi Frere, persuna estera b'indirizz mhux magħruf-żewġ notifiki,

Inti għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri, u sejjaħ b' dan lil kull min irid jidħol bħala Kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Thus for the reasons before premised, the plaintiff humbly prays this Honourable Court:

(1) to declare that the canvas belts and wallets for the packing material of the same canvas belts and wallets, objects all contain the sign consisting of the word 'GUCCI' written out prominently and are presently under the authority of the Comptroller of Customs…Omissis…

(2) To order the Comptroller of Customs to dispose from the said objects outside the channels of commerce in such a manner as to preclude any damage to the plaintiff company or order the Comptroller of Customs to destroy those objects in any case without any compensation to and at the expense of the defendant;

(3) To take or order the Comptroller of Customs to take as regards those objects any other measure which shall have the effect to effectively deprive the defendant from the economic benefits of the transaction;

(1) To order that the defendant is to bear the expenses in connection with the measures orders in terms of the second and third demand of the plaintiff including those of transport of the said objects for the storage of the same before their eventual destruction, for the storage of the same, transport from the storage place till the eventual destruction, and the destruction of the same.

With costs against the defendant who is from now summoned so that a reference to her evidence be made.

List of Witnesses.

List of Documents.

Services:

Plaintiff nomine: Advocate Dr. Luigi A. Sansone LL.B. (Hons) LL.D. holder of identity card number 258269 letter 'M' as special mandatary of the foreign company Guccio Gucci S.p.A. of Via Tornabuoni 73/R , Firenze, Italy.

84, Melita Street, Valletta VLT 12.

Defendant:

Deputy Curators to represent STE Alkalloubi Frere, a foreign person, with an unknown address, two services.

You are therefore ordered to affix an official copy of this bann in the lobby of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days, and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fi żmien fuq mogħti din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel Kuraturi ta' l-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu , inti għandek tgħarraf minnfih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili Prim Awla hawn fuq imsemmija bix-xhieda ta' Onor. Imħallef Geoffrey Valenzia, LL.D. Duttur tal-Liġi.

Illum, 23 ta' Awissu 2006.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 16 ta' Ottubru 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, tal-Qrati u Tribunali Ċivili

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, this Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of the said bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the aforementioned First Hall of the Civil Court with the witness of the Honourable Mr. Geoffrey Valenzia, LL.D. Doctor of Laws.

Today 23rd August 2006.

Registry of the Superior Courts, today 16th October 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1566

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) permezz ta' digriet mogħti fis-6 ta' Ottubru 2006, in segwitu, għar-Rikors ta' Joseph Galea u oħrajn, fl-atti tar-rikors 733/2005, ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-inventarju ta' l-assi ta' Carmelo Galea, bin il-mejtin Antonio u Annuziata neé Fenech, imwieled Attard u miet Pietà fis-6 ta' Lulju 2005, ta' 79 sena u li kellu karta ta' l-identità numru 721625(M).

Din il-pubblikazzjoni għandha ssir nhar il-Ħamis, 16 ta' Novembru 2006, fis-sitta ta' filgħaxija (6.00 p.m.) fl-Uffiċċ ju numru 145, Triq Birbal, Ħal Balzan, b' att tan-Nutar Dottor Maria Spiteri.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 17 ta' Ottubru 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Registratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) by means of a decree given on the 6th October 2006, following an Application of Joseph Galea and others in the records of the application 733/2005, ordered the publication of the inventory of the assets of Carmelo Galea, son of the late Antonio and Annunziata neé Fenech, born in Attard and died in Pietà, on the 6th July 2005, aged 79 and who had identity card number 721625(M).

This publication shall be held on Thursday, 16th November 2006, at six in the evening (6.00 p.m.) at the Office number145, Birbal Street, Balzan, by deed of Notary Dr. Maria Spiteri.

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) today 17th October 2006.

AdV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1567

Ikun jaf kulħadd illi il-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) permezz ta' digriet tat-28 ta' Settembru 2006, in segwitu għar-Rikors ta' Alfred u David Camilleri, rikors numru 315/2006, Paola Camilleri, mart Alfred, bint Paul Ellul u Maddalena neé Micallef, imwielda r-Rabat, Malta, u residenti wkoll ir-Rabat, Malta, bil-karta ta' l-identità numru 167045(M) ġiet interdetta.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 17 ta' Ottubru 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) by means of a decree given on the 28th September 2006, following an Application of Alfred and David Camilleri, application number 315/2006, Paola Camilleri, wife of Alfred, daughter of Paul Ellul and Maddalena neé Micallef, born in Rabat, Malta, and residing also in Rabat, Malta, having identity card number 167045(M) was interdicted.

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) today 17th October 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1568

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fil-15 ta' Settembru 2006, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Numru 940/05 GCD, fl-ismijiet Doris Camilleri vs Emanuel Camilleri, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Doris Camilleri, 23, Żammit Clapp Street, Pietà, ippreżentat Ċitazzjoni fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fis-6 ta' Ottubru 2005, kontra Emmanuel Camilleri, 4, Triq Ġużeppina Curmi, iż-Żurrieq, fejn talbet il-konvenut għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti;

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenut naqas milli jħallas manteniment lill-attriċi u għal binha minuri sa mill-perjodu ta' Ġunju 1996;

2. Tiddikjara illi s-somma ta' manteniment dovut mill-konvenut lill-attriċi rappreżentanti manteniment għall-bint minuri mill-perjodu ta' Ġunju 1996 sa April 1999, u manteniment għall-istess attriċi mill-perjodu ta' Ġunju 1996, sad-data tal-preżentata ta' din iċ-ċitazzjoni, jammonta għal disat elef u erbgħin Lira Maltin (Lm9,040).

3. Tikkundanna lill-konvenut iħallas l-ammont ta' disat elef u erbgħin Lira Maltin (Lm9,040) rappreżentanti manteniment għall-bint minuri mill-perjodu ta' Ġunju 1996 sa April 1999 u manteniment għall-istess attriċi mill-perjodu ta' Ġunju 1996 sad-data tal-preżentata ta' din iċ-ċitazzjoni.

4. Tillikwida s-somma rappreżentanti mgħaxijiet legali bir-rata ta' 8% minn Ġunju 1996, sad-data tal-preżentata taċ-ċitazzjoni odjerna;

5. Tikkundanna lill-konvenut iħallas l-ammont ta' mgħaxijiet kif likwidat ai termini tal-paragrafu erbgħa (4);

6. Tagħti kwalunkwe provvediment ieħor li jidhrilha xieraq u opportun.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali sad-data tal-pagament effettiv.

Il-konvenut minn issa inġunt in subizzjoni.

Reġisrtru tal-Qrati Superjuri, illum 17 ta' Ottubru 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given, on the 15th September 2006, in the records of the Writ of Summons Number 940/05 GCD, in the names Doris Camilleri vs Emanuel Camilleri, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

Doris Camilleri, 23, Zammit Clapp Street, Pietà filed a Writ of Summons in the First Hall Civil Court, on the 6th October 2005, against Emmanuel Camilleri, 4, Ġużeppina Curmi Street, Żurrieq, whereby she asked the defendant why this Honourable Court should not;

1. Declare and decide that the defendant failed to pay maintenance to the plaintiff and her minor son since June 1996;

2. Declare that the sum of maintenance due by the defendant to plaintiff representing maintenance for the minor daughter for the period June 1996 to April 1999 and maintenance for the same plaintiff for the period June 1996 till the date of filing of this writ of summons amount to nine thousand and forty Maltese Liri (Lm9,040).

3. Condemn the defendant to pay the amount of nine thousand and forty Maltese Liri (Lm9,040) representing maintenance for the minor daughter for the period June 1996 to April 1999 and maintenance for the same plaintiff or the period of June 1996 till the date of filing of this Writ of Summons.

4. To liquidate the sum representing legal interests at the rate of 8% from June 1996, till the date of filing of this writ of summons.

5. Condemn the defendant to pay the amount of interests as liquidated in terms of paragraph four (4);

6. To make any other provision which it deems fit and opportune.

With costs and legal interest till the date of effective payment.

The defendant is from now summoned so that a reference to his evidence be made.

Registry of the Superior Courts, today 17th October 2006.

ADV.DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1569

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar tad-9 ta' Ottubru 2006, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Anthony C. Borda (ID 722031(M)) ta' Flat 2, Regent Flats, Park Towers, Triq G. Borg Olivier, St Julians ippreżenta talba fil-11 ta' Lulju 2006 fejn talab lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Aaron Haroun ta' Dar il-Ward, 143, Triq il-Ħamel, is-Swieqi, sabiex iħallas lill-attur is-somma ta' mija u tnejn u disgħin lira Maltija (Lm192) liema ammont huwa dovut lill-attur.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Il-kawża (593/06ISB) hija differita għas-27 ta' Ottubru 2006 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 17 ta' Ottubru 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 9th October 2006, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Anthony C Borda (ID722031M) of Flat 2, Regent Flats, Park Towers, Triq G. Borg Olivier, St Julians filed a Claim on the 11th July 2006 whereby he asked the Tribunal to condemn Aaron Haroun, of Dar il-Ward, 143, Triq il-Ħamel, Swieqi, of to pay the plaintiff the sum of one hundred and ninty two Maltese liri (Lm192) which amount is due to the plaintiff.

With costs and interests.

The case (Claim Number 593/06ISB) is put off on the 27th October 2006 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 17th October 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1570

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar tal-10 ta' Lulju 2006, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12).

Maltacom p.l.c. (C22334) ta' Spencer Hill, il-Marsa, ippreżentaw Talba, fit-23 ta' Marzu 2006, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Concetta Cacciattolo (ID 73065M) ta' Blk. 3, Flat 5, Lay Lay, Ent. Ċ, Triq in-Nadur, Marsaskala, sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mitejn u erbgħin lira Maltija u ħamsa u tmenin ċenteżmu (Lm240.85) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (273/06DC) hija differita għall-4 ta' Diċembru 2006 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 17 ta' Ottubru 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 10th July 2006, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Maltacom p.l.c. (C22334) of Spencer Hill, Marsa, filed a Claim on the 23rd March 2006 whereby they asked the Tribunal to condemn Concetta Cacciattolo (ID73065M) of Blk. 3, Flat 5, Lay Lay, Ent. C, Triq in-Nadur, Marsaskala, to pay the plaintiff company the sum of two hundred and forty Maltese liri and eighty five cents (Lm240.85) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interest.

The case (Claim Number 273/06DC) is put off on the 4th December 2006 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 17th October 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1571

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tas-26 ta' Settembru 2006, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Maltacom plc (C22334) ta' Spencer Hill, il-Marsa, ippreżentaw Talba, fil-5 ta' Mejju 2006, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Ben Ammar Kalifa Najah (ID17327A) ta' Flat 1, Scortia Flats, Dorvic, Triq San Vincenz, Tas-Sliema, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' sitt mija u sitta u tletin lira Maltija u sitta u ħamsin ċenteżmu (Lm636.56) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (419/06RFA) hija differita għas-27 ta' Ottubru 2006 fin-12.30p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 17 ta' Ottubru 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 26th September 2006, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Maltacom plc (C22334) of Spencer Hill, Marsa, filed a Claim on the 5th May 2006 whereby they asked the Tribunal to condemn Ben Ammar Kalifa Najah (ID17327A) of Flat 1, Scortia Flats, Dorvic, Triq San Vinċenz, Sliema, to pay the plaintiff company the sum of six hundred and thirty six Maltese liri and fifty six cents (Lm636.56) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interest.

The case (Claim Number 419/06RFA) is put off on the 27th October 2006 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 17th October 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1572

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-23 ta' Awissu 2006, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Maltacom plc (C22334) ta' Spencer Hill, il-Marsa, ippreżentaw Talba fis-27 ta' April 2006, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Godwin Agius (ID185263M) ta' 50, "Sandy Beaches", Flat/2, Triq il-Marlozz, il-Mellieħa, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mija u disgħin lira Maltija u seba' ċenteżmi (Lm190.07) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (384/06RFA) hija differita għas-27 ta' Ottubru 2006 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 17 ta' Ottubru 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 23rd August 2006, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Maltacom plc (C22334) of Spencer Hill, Marsa, filed a Claim on the 27th April 2006 whereby they asked the Tribunal to condemn Godwin Agius (ID185263M) of 50, Sandy Beaches, Flat/2, Triq il-Marlozz, Mellieħa, to pay the plaintiff company the sum of one hundred and ninty Maltese liri and seven cents (Lm190.07) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interest.

The case (Claim Number 384/06RFA) is put off on the 27th October 2006 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 17th October 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1573

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fis-7 ta' Lulju 2006, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali numru 1812/06, fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud vs Gaetano Falzon, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-istess Gaetano Falzon, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 29 ta' Mejju 2006

Lil Gaetano Falzon

Permezz tal-preżenti, il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud jinterpellak ai termini ta' l-Artikolu 59 ta' l-Att XXIII ta' l-1998, sabiex fi żmien jumejn (2) min-notifika ta' dan l-att, tħallas l-ammont ta' erbgħa u għoxrin elf, seba' mija u tmintax-il lira Maltin (Lm24,718) rappreżentanti ammont dovut minnek bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skond l-Att XXIII ta' l-1998 fuq imsemmi sad-data ta' l-effettiv pagament.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi u partikolarment, iżda mhux esklussivament, sabiex tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li għandu l-istess Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud kontra tiegħek permezz ta' l-Avviż li ntbagħat lilek.

Fin-nuqqas, il-mittenti javżak li se jgħaddi sabiex jeżegwixxi l-imsemmi titolu eżekuttiv li hu għandu kontra tiegħek permezz tal-mandati opportuni.

Tant sabiex tirregola ruħek u tagħraf timxi.

Mittenti: Centre Point Building, Triq Ta' Paris, Birkirkara.

Notifika: Intimat: 'Julie', Triq il-Belt Valletta, Hal Qormi.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 17 ta' Ottubru 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the First Hall Civil Court by means of a decree given on the 7th July 2006, in the records of the judicial letter number 1812/06, in the names Commissioner for Value Added Tax vs Gaetano Falzon, ordered the following publication for the purpose of service of the same Gaetano Falzon, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the First Hall Civil Court

Today 29th May 2006

To Gaetano Falzon

By the present, the Commissioner for Value added Tax, calls upon you in terms of Article 59 of Act XXIII of 1998 so that within two days (2) from the service of this act, you pay the amount of twenty four thousand seven hundred and eighteen Maltese Liri (Lm24,718) representing amount due by you as Value Added Tax.

With costs and interest according to Act XXIII of 1998 above mentioned till the date of effective payment.

This calling is being made for all intents and purposes of law and particulary, but not exclusively, in order to render executable the executive title which the same Commissioner for Value Added Tax , has against you by means of the Notice sent to you.

Failing which the interpellant warns you that he shall pass to execute the said executive title he has against you by means of the opportune warrants.

So much so that you may know how to regulate yourselves.

Interpellant: Centre Point Building, Ta' Paris Street, Birkirkara.

Notify: Respondent: 'Julie', Valletta Road, Qormi.

Registry of the Superior Courts, today 17th October 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

1574

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fis-7 ta' Lulju 2006, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1816/06, fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud vs Sidney Ellul Sullivan pro et noe, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat pro et noe, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 29 ta' Mejju 2006

Lil Sidney Ellul Sullivan f'ismek personali kif ukoll bħala Direttur għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Body Pride Limited.

Permezz tal-preżenti, l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, jinterpellak ai termini ta' l-Artikolu 59 ta' l-Att XII ta' l-1994, sabiex fi żmien jumejn (2) minn notifika ta' dan l-att, tħallas l-ammont ta' sebat elef, disa' mija u erbgħa u ħamsin Lira Maltin (Lm7,954) rappreżentanti ammont dovut minnek pro et noe, skond l-istess Att.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skond dak l-Att sad-data ta' l-effettiv pagament.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Liġi u partikolarment iżda mhux esklussivament, sabiex tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li għandu l-istess Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, kontra tiegħek permezz ta' l-Avviż li ntbagħat lilek.

Fin-nuqqas il-mittenti javżak li se jgħaddi sabiex jeżegwixxi l-imsemmi titolu eżekuttiv li hu għandu kontra tiegħek permezz tal-mandati opportuni.

Tant sabiex tirregola ruħek u tagħraf timxi.

Mittenti: Centre Point Building, Triq Ta' Paris, Birkirkara.

Notifika: Intimat: Sidney Ellul Sullivan, 6, Triq San Ġwann Bosco, Tas-Sliema.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 17 ta' Ottubru 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

